IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 444 final

Proposta emendata għal

Ftehim Interistituzzjonali

bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba

Proposta emendata għal

Ftehim Interistituzzjonali

bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2018) 323 hija emendata kif ġej

(1) Fil-Parti I.B, il-punt 11 jinbidel b'li ġej

"*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza*

11. Meta l-Kummissjoni tqis li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza jkun meħtieġ li tiġi użata, hija għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment mir-Riżerva għal-linji baġitarji korrispondenti skont ir-Regolament Finanzjarju."

(2) Fil-Parti II.A, jiddaħħal il-punt 15a. li ġej:

"15a. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea[1] ("Strument Ewropew ta' Rkupru"), li jġib flimkien informazzjoni disponibbli u mhux kunfidenzjali relatata ma'

- assi u obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self imwettqa skont l-Artikolu 3b tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji[2],
- il-volum aggregat ta' rikavati assenjati lill-programmi tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-Istrument Ewropew ta' Rkupru fis-sena preċedenti, maqsum skont il-programm u l-linja baġitarja,
- il-kontribuzzjoni tal-fondi missellfa għall-kisbiet tal-objettivi tal-Istrument Ewropew ta' Rkupru u l-programmi speċifiċi tal-Unjoni."

[1] ĠU, …
[2] ĠU, ….